MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 7

31 ta' Lulju 2008

Minuti tas-Seduta Nru. 7 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar il-Ħamis 31 ta' Lulju 2008.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha, minbarra l-Kunsillier J. Buttigieg li kien skużat minħabba raġunijiet ta' safar.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier C. Bartolo ġibed l-attenzjoni għall-minuta 2.6.7. **(Ref: K/2/Vol III)** tas-seduta preċedenti u ppropona li tinqara kif ġej:

*"2.6.7. Il-Kunsillier C. Bartolo kkummenta li fil-kunsilli lokali preċedenti, il-qasam ta' l-edukazzjoni dejjem kien fdal lill-persuna li ħadem bħala għalliem. Fir-rigward tiegħu personali huwa ma setax jaċċetta r-responsabilitajiet li ingħatawlu mis-Sindku, u jidhirlu li seta' jaqdi r-responsabilità tal-kultura u t-turiżmu mingħajr problema.".*

1.2. Il-Viċi Sindku irrefera għall-minuta 10.3. **(Ref: T/3/2/Vol III)** u ppropona li din tinqara hekk:

*"10.3. Il-Viċi Sindku E. Bartolo għarraf li saritlu talba sabiex jsiru speed humps fit-triq li twassal mill-Palazz ta' Selmun sal-Fortizza ta' Campbell, fil-parti fejn hemm il-kmamar, hekk kif wieħed jaqbeż il-kurva. Is-Sur R. Cutajar qal li l-vetturi qed jitfaċċaw minn wara din il-kurva allarieda u jsibu ma' wiċċhom nies li regolarment jiffrekwentaw il-kmamar imsemmija u oħrajn li jkunu jippassiġġaw hemmhekk.*

1.3. Il-minuti tas-seduta preċedenti ġew approvati u iffirmati bl-emendi mressqa.

## 2.0. Korrispondenza

### 2.1.1. Faċiltajiet ta' parkeġġ f'Qasam Ta' Pennellu (T/3/2/Vol VIII)

2.1.2. Saret referenza għal ittra datata 19 ta' Lulju 2008, mibgħuta minn xi residenti mill-Qasam Ta' Pennellu, fejn talbu li jingħataw faċilitajiet ta' parkeġġ riżervat minħabba li r-residenti l-oħra fil-qasam tad-djar għandhom garaxxijiet mad-dar u hemm uħud li xorta waħda jħallu l-vetturi tagħhom barra.

2.1.3. Il-Kunsill ma laqax it-talba sabiex ma jinħoloqx preċedent.

**2.2.1. Arranġamenti tat-Traffiku fi Triq Snajjin (T/3/2/Vol VIII)**

2.2.2. Saret referenza għal ittra datata 23 ta' Lulju 2008, mibgħuta mit-Taqsima għall-Maniġġ tat-Traffiku fi ħdan l-Awtorità tat-Trasport, fejn ingħatat l-approvazzjoni sabiex issir linja safra faċċata ta' garaxxijiet Nri. 21, 23 u 25. Sar aċċenn ukoll ukoll għal ittra oħra datata 22 ta' Lulju 2008 mill-istess Taqsima fejn ukoll ingħatat approvazzjoni ħalli titwaħħal tabella fi Triq Snajjin, kantuniera ma' Triq il-Kbira li tindika "*No Entry for Heavy Vehicles Except to Render a Service and for Access*"

2.2.3. Il-Kunsill innota l-kontenut ta' l-ittri msemmija.

**2.3.1. Serata kulturali fil-Manikata (A/5/3/Vol VIII) (S/6/Vol III)**

2.3.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 21 ta' Lulju 2008 dwar appell mill-Koperattiva Rurali tal-Manikata sabiex tissieħeb mal-Kunsill fl-organizzazzjoni ta` serata kulturali msejħa "Lejla għaż-Żiffa" li hija ppjanata li sseħħ f'lejliet il-Festa ta' San Ġużepp fit-30 ta` Awissu 2008.

2.3.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni, iżda kien tal-fehma li din l-attivita` għandha tkun parti mis-serje Mellieħa Gardens By Night, li l-aħħar waħda għandha ssir proprju fi Ġnien iż-Żerniq, fil-Manikata. Għalhekk ġie miftiehem li jsir kuntatt mal-koperattiva dwar dan.

**2.4.1. Qlib ta' l-ilma tax-xita fi Triq N. Copernicus (T/4/13/Vol VIII)**

2.4.2. Saret referenza għal ittra datata 16 ta' Lulju 2008, mibgħuta mill-Perit Peter Borg Costanzi f'isem is-Sur Maurice Degaetano dwar il-qlib ta' l-ilma tax-xita fi Triq N. Copernicus li qed jispiċċa fil-proprjetà Nru. 36. Qed jintalab ukoll li jsir kanal għall-ilma tax-xita illi jgħaddi mill-istess sit, kif ukoll isir kuntratt notarili, li permezz tiegħu jingħata kumpens annwali minħabba s-servitù li jkun ġie impost fuq is-sid. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li sar anke rapport mill-*Contracts Manager* dwar din it-talba.

2.4.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jieħu parir legali qabel jiddeċiedi dwar din it-talba.

**2.5.1. Devoluzzjoni ta' Bini Storiku (A/6/7/Vol II)**

2.5.2. Is-Sindku rrefera għal ittra datata 25 ta' Lulju 2008, mibgħuta minn Dr Stephen Spiteri mit-Taqsima tar-Restawr fi ħdan it-Taqsima tax-Xogħlijiet, fejn ġew identifikati numru ta' binjiet militari li jistgħu jiġu restawrati u jkunu aċċessibbli għall-pubbliku. Intqal ukoll li ser tiġi mistħarrġa l-possibilta` li jinġieb finanzjament mill-Unjoni Ewropea biex ikun jista' jitwettaq dan.

2.5.3. Il-Kunsill innota u approva din il-proposta.

**2.6.1. Mobile *telephony antennas* fiż-zona tal-Kortin (P/5/8/C)**

2.6.2. Saret referenza għall-ilmenti li saru minn xi residenti miż-żona tal-Kortin dwar is-suġġett t'hawn fuq. Is-Sindku għarraf li l-Uffiċċju tal-Prim Ministru ikkummissjona sar rapport tekniku indipendenti mill-Professur Charles V. Sammut rigward ir-radjazzjoni iġġenerata mill-*mobile telephony antennas* li saru fil-Kortin. Dan l-istudju ġie kkummissjonat mill-Awtorità Maltija tal-Komunikazzjoni fuq ordni mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fil-konklużjoni tar-rapport tiegħu, il-Prof. Sammut stqarr li:

*"The RF electric fields and the ELF magnetic fields were investigated at the area known as il-Kortin. Two measurement points were selected in Triq Kepler, on in Triq Copernicus and another in Triq il-Qortin. The measured fields were all found to be well below the accepted International Commission on non-Ionising Radiation Protection public exposure levels."*

2.6.3. Il-Kunsill innota l-konklużjonijiet ta' l-istudju u kien tal-fehma li dawk għandhom jinġiebu a konjizzjoni tar-residenti.

## 3.0. Tqegħid ta` Karti

- Skeda ta’ Pagamenti – 04/07/08 – 25/07/08
- Skeda ta’ Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 04/07/08 – 21/07/08
- *Purchase Request Form* – 25/07/08
- Skeda ta` ilmenti - 0394/08 – 0461/08
- Skeda ta` korrispondenza li waslet
- Skeda ta` korrispondenza li ntbagħtet
- Minuti – Sotto-Kumitat Affarijiet Rurali, Ambjent u Wirt Storiku – 29/05/08
- Minuti – Kumitat Konġunt dwar l-Ordni Pubbliku – 03/07/08
- Minuti – Sotto-Kumitat Affarijiet Rurali, Ambjent u Wirt Storiku – 16/07/08
- Abbozz ta’ ftehim ma’ l-Art Club 2000 dwar it-Tmexxija tal-Batterija ta’ Westreme

## 4.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 4.1.1. Xogħlijiet ta’ kostruzzjoni fi Triq Ġorġ Borġ Olivier (T/3/3/Vol IV)

4.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.3.1. tas-seduta preċedenti u għarraf illi nħareġ il-permess sabiex jintrama t-*tower crane* fi Triq il-Qalba Imqaddsa b’numru ta’ kundizzjonijiet. Is-Sur Cutajar qal li nhar it-Tnejn 4 ta’ Awissu 2008 ser jiltaqa’ ma’ l-iżviluppatur fuq il-post.

4.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.2.1. Ingaġġ temporanju ta’ *personnel* taħt il-*Job Experience Scheme* iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea u l-Korporazzjoni Dwar l-Impiegi u Taħriġ (P/7/2)

4.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 8.1. tas-seduta preċedenti u għarraf illi l-Korporazzjoni dwar l-Impiegi u taħriġ aċċettat li tassenja lill-Michael Wright u Andrew Gambin għal perjodu ta’ tlettax-il ġimgħa mal-Kunsill sabiex jiksbu esperjenza ta’ xogħol f’uffiċċju. Iż-żewġ applikanti oħra ma’ ġewx aċċettanti peress li għandhom impieġ fuq bażi *part-time*.

4.2.3. Is-Segretarju għarraf li s-Sur Michael Wright ġie mogħti jagħmel xogħol ta’ l-uffiċċju bħalma huwa l-aġġornament ta’ *databases* eċċ, filwaqt li s-Sur Andrew Gambin qed jaħdem fuq il-bini tas-sit elettroniku l-ġdid tal-Kunsill. Is-Sur Debono kkummenta li ż-żewġ persuna qed jagħmlu ammont ta’ xogħol sodisfaċenti.

4.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.3.1. Dehra ġdida għas-sit eletroniku tal-Kunsill (I/1/3/Vol IV)

4.3.2. Il-Kunsillier P. Cutajar irrefera għall-minuta 4.2.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-*inputting* tar-ritratti għaddej b’ritmu tajjeb, kif ukoll ġie allokat sit eletroniku temporanju mill-*internet service provider* Abakus Solutions. Huwa qal ukoll li l-istess I.S.P. intalab jipprepara *snap shot* tas-sit sabiex wieħed ikollu ħjiel ta’ kif dan se jitqassam. Is-Sur Cutajar qal ukoll li m’hemmx limiti fuq l-ammont tar-ritratti li jkunu aċċessibbli mis-sit eletroniku.

4.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.4.1. *Mellieħa Gardens By Night* (A/5/3/Vol VIII)

4.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.6.1. tas-seduta preċedenti u aċċenna għall-andament ta’ l-attività li seħħet fi Ġnien Dun Anton Debono fil-25 ta’ Lulju 2008, fejn kien hemm udjenza numeruża ta’ madwar 300 ruħ, li kienet l-aħjar waħda mit-tliet serati li diġa saru.

4.4.3. Is-Sur Cutajar qal illi s-serata li jmiss ser issir fl-1 ta’ Awissu 2008 f’Misraħ tas-Salib. Ġibed l-attenzjoni wkoll li għandhom jitqassmu *flyers* lit-tfal li qed jattendu Skolasajf u AvventuraSajf fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa sabiex tingħata pubbliċita`.

4.4.4. Il-Kunsill ġie mgħarraf li waqt laqgħa li kellu ma’ Vodafone Malta Ltd sar appell sabiex l-istess kumpanija tikkontribwixxu b’riżq l-attivitajiet Mellieħa Gardens By Night u fil-fatt din għamlet għotja ta’ €700.

### 4.5.1. Riorganizzazzjoni fl-Uffiċċju Amministrattiv (K/1/1)(P/7/1/Vol VIII)

4.5.2. Sar aċċenn ukoll għall-minuta 4.7.1. tas-seduta preċedenti dwar l-inġaġġ ta' impjegat ieħor fuq bażi *full-time* mas-Segretarjat tal-Kunsill. Huwa aċċenna għall-fatt illi l-Bord ta' Intervisti kien għadu ma ġiex kostitwit.

4.5.3. Wara diskussjoni, kien hemm qbil li l-bord ikun magħmul mis-Sindku bħala *Chairman*, il-Viċi Sindku E. Bartolo, il-Kunsillier C. Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

### 4.6.1. AvventuraSajf 2008 (E/3/4/Vol VIII)

4.6.2. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għall-minuta 4.11.1 tas-seduta preċedenti. Huwa qal li l-andament ta' AvventuraSajf huwa wieħed sodisfaċenti li din id-darba qed jipparteċipaw 86 tifel u tifla, li huwa inqas minn tas-sena ta' qabel, peress li t-tfal ta' Year 3 qed jattendu Skolasajf organizzata mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni.

4.6.3. Is-Sur Fenech qal ukoll li nġibdet l-attenzjoni tal-kordinaturi sabiex ikunu preżenti waqt il-ħarġiet li jiġu organizzati, bil-għan li t-tfal ikunu taħt is-superviżjoni ta' persuna adulta.

4.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.7.1. Proġetti ffinanzjati permezz ta' fondi mill-Unjoni Ewropea (P/10/1/Vol III) (K/1/5/2/Vol III)

4.7.2. Is-Sur R. Cutajar irrefera għall-minuta 16.1. u għarraf li waqt żjara li saret mis-Sinjura Barbara Gori – Segretarja Privata tas-Sindku Ivano Ferri ta' Cavriglia – ġew diskussi proġetti li jistgħu jiġu mplimentati, possibilment anke bis-sehem mal-Kunsill Lokali ta' Adenau. Fil-laqgħa msemmija kien hemm preżenti flimkien miegħu, il-Kunsillier H. Fenech. Fl-istess kuntatti kien hemm qbil li jistgħu jsiru skambji bejn it-tliet lokalitajiet bil-għan li jiġu organizzati korsijiet fil-lingwa Ingliża. Is-Sindku qal li ġie miftiehem illi l-applikazzjoni għall-fondi mill-Unjoni Ewropea ser issir mill-Comune di Cavriglia flimkien mal-Kunsill Lokali Mellieħa.

4.7.3. Il-Kunsill laqa' il-proposta tas-Sindku.

### 4.8.1. Iljieli Melleħin (A/5/3/5)

4.8.2. Is-Sindku qal li saret stedina lis-Sur Bernt Schiffarth – Sindku ta' Adenau – sabiex tinġieb banda minn Adenau ħalli tipparteċipa fl-Iljieli Melleħin, li ser jsiru fit-12, 13 u 14 ta' Settembru. Jidher li hemm grupp ta' sitt bandisti bl-isem ta' Eifel Menu Band li huma interessati jipparteċipaw, sakemm il-Kunsill jipprovdilhom l-akkomodazzjoni u l-biljetti ta' l-ajru. Is-Sur Cutajar qal li huwa ser jara jinġiebx finanzjament għalihom permezz ta' *sponsorship* mil-lukandi tal-Mellieħa, kif ukoll mill-German Maltese Circle.

4.8.3. Is-Sindku propona li jkun hemm parteċipazzjoni mill-bliet tewmin ta' Adenau u Cavriglia li jista' jiġi allokat post għalihom f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

### 4.9.1. Asfaltar mill-ġdid ta' Triq Tal-Prajjet (T/4/2/Vol XXII)

4.9.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 11.1. tas-seduta preċedenti u qal sar rapport minn xi persuni li għandhom spiera f'Qasam Barrani dwar pajpijiet li tqegħdu fi Triq il-Prajjet u toroq oħra mingħajr il-permess ta' l-Awtorità dwar it-Trasport u l-Awtorità tar-Riżorsi.

4.9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 25 ta' Lulju 2008.

5.3. Il-Kunsill approva l-*items* kollha elenkati fl-iskeda, kif ukoll ta' *item* 20 rigward il-korsijiet tal-kompjuter e-Tfal li kien jidher fuq l-iskeda preċedenti. Għalhekk, is-Segretarju ntalab sabiex jibgħat il-*Purchase Orders* relattivi.

**6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta` Servizzi u Materjal**

6.2. Ġiet imressqa wkoll skeda ta’ pagamenti mitluba bejn l-4 u l-25 ta’ Lulju 2008.

6.3. Fir-rigward tal-pagament 028-06-08 mitlub minn TCTC Ltd in konnessjoni mal-kors tal-kompjuter e-Tfal, li kien jidher fuq l-iskeda preċedenti, is-Sindku għarraf li saret laqgħa mas-Sur Ray Abela mill-istess ditta li fiha ġew iċċarati ċerti diffikultajiet li kien hemm u ngħata skont fuq l-ispejjeż marbuta ma’ l-istampar tal-fuljetti ta’ promozzjoni dwar l-istess kors.

6.4. Tressqu wkoll skeda ta’ infieq li sar permezz tal-*petty cash* li jkopri l-perjodu bejn l-4 u l-21 ta` Lulju 2008.

6.5. Il-Kunsill ra l-kontenut taż-żewġ skedi u approva l-pagamenti elenkati fihom.

**7.1. Ftehim bejn il-Kunsill u l-Art Club 2000 dwar il-Batterija ta’ Westreme. (P/4/4/Vol III)**

7.2. Għal din il-parti tas-seduta ntalab jattendi l-Avukat John Bonello li ra l-kuntratt attwali u rrevedieħ skond id-dokument mehmuż ma’ dawn il-minuti. L-abbozz ġie anke mqassam lill-kunsillieri ma’ l-aġenda tas-seduta.

7.3. L-Avukat Bonello spjega li fl-eżerċiżżju li huwa għamel ra li l-obbligi u drittijiet taż-żewġ partijiet joħorġu aktar ċari milli kienu fil-kuntratt preċedenti, *vis-à-vis* il-ftehim ta’ devoluzzjoni li sar bejn id-Dipartiment ta’ l-Artijiet u l-Kunsill. Proprju minħabba r-raġuni ta’ l-aħħar huwa ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill ma jistax jissoloka l-proprjeta` lil xi persuna jew entità, mingħajr il-kunsens tad-Dipartiment. Fi kwalunkwe każ, il-Kunsill huwa obbligat li jgħarraf lid-Dipartiment, kemm-il darba jiġu nvoluti terzi fit-tmexxija tal-Batterija. Huwa qal li dan joħorġ biċ-ċar mill-Klawsola 5 tal-ftehim li sar mad-Dipartiment ta’ l-Artijiet fit-12 ta’ April 2001.

7.4. Il-Kunsillier J. Azzopardi ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill kien u għadu kostrett li jagħmel l-ftehim ma’ l-Art Club 2000 billi m’għandux ir-riżorsi meħtieġa meħtieġa biex jiftaħ il-batterija għall-pubbliku.

7.5. Ġie spjegat li tneħħiet il-kelma “*use*” kull fejn kienet tidher fit-test l-qadim, peress li t-tifsira tagħha tmur lill’hinn mit-tmexxija *(management)* tal-proprjetà u tista’ għalhekk tinftiehem bħala użufrutt, li fi kwalunkwe każ m’għandha l-ebda validità, jekk dan id-dritt ma jingħatax permezz ta’ att pubbliku.

7.6. Il-Kunsillier J. Azzopardi aċċenna għall-Klawsola 2 tal-ftehim u ippropona li l-10% tad-dħul li jkun hemm mill-bejgħ tal-biljetti għandhom jgħaddu lill-Kunsill kull sitt xhur, mhux kull erba’ xhur. Il-Kunsill qabel ma’ din l-emenda.

7.7. Dwar is-*Supervisory Committee*, Dr Bonello qal li huwa qed jassumi li dan ikun imwaqqaf skond ma jipprovdi l-Artiklu 47 ta’ l-Att dwar Kunsilli Lokali. Kien hemm qbil li ċ-Chairman ikun maħtur mill-Kunsill filwaqt li ż-żewġ membri l-oħra jiġu nominati mill-Art Club 2000.

7.8. Rigward il-Klawsola 12, Dr Bonello ta l-parir illi l-applikazzjonijiet għall-permessi minn awtoritajiet u entitajiet pubbliċi, bħalma huma dawk tal-MEPA, għandhom jsiru mill-Art Club 2000, kif isir fil-każ tal-kirjiet.

7.9. Fuq l-assikurazzjoni, l-Avukat Bonello rrakkomanda li polza dwar l-*public liability* u danni kkawżati lill-terzi in konnessjoni ma’ l-attivitajiet li jsiru fil-proprjetà, għandhom jitħallsu mill-Art Club 2000. Minn naħa l-oħra, il-polza li tkopri l-proprjetà immobbli u l-kontenut fil-Batterija, għandu jipprovdiha l-Kunsill. Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni.

7.10. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għall-Klawsola 19 (iv) dwar it-terminazzjoni. Huwa qal li din għandha tiġi emendata fis-sens illi l-ftehim jaqa’ kemm-il darba l-Batterija ma tinfetaħx għall-pubbliku għal tletin jum f’perjodu ta’ 90 jum. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

7.11. Dwar it-terminazzjoni wkoll, l-Avukat Bonello issuġġerixxa li għandha tidħol klawsola ġdida li tistabilixxi x’għandu jsir f’każ li l-Art Club 2000 jiġi xolt u ma jkunx qed josserva l-istatut tiegħu.

7.12. Rigward il-Klawsola 22, dwar minn fejn għandu jinkiseb rimedju f'każ ta' tilwim bejn il-partijiet, l-Avukat Bonello irrakkomanda li dan għandu jiġi trattat miċ-Ċentru Malti ta' l-Arbitraġġ b'arbitru wieħed.

7.13. Ġie ssuġġerit li fil-ftehim għandu jiġi stipulat illi l-Art Club 2000 ikun irreġistrat bħala għaqda volontarja skond kif provdut fil-Kodiċi Ċivili, li ġie emendat f'dan is-sens fl-2007.

7.14. L-iskeda tar-rati mehmuża bħala Dokument E mal-ftehim ġiet emendata kif jidher hawn taħt:

| *Code* | *Type of Visitor* | *Rate (€)* |
|---|---|---|
| *01* | *Entrance Fee (Regular)* | *2.50* |
| *02* | *KartAnzjan Holder* | *1.50* |
| *03* | *Children under 12 years* | *0.50* |

7.15. Fl-aħħar tad-diskussjoni fuq dan is-suġġett, il-Kunsill talab lill-Dott. Bonello sabiex jirrevedi ftehim simili li kien sar ma' l-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina dwar it-tmexxija tax-Xelter tat-Tieni Gwerra.

7.16. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-abbozz il-ġdid jeħtieġ illi jiġi sottomess lill-Kunsill u approvat sabiex il-kuntratt ikun jista' jiġi ffirmat fl-1 ta' Settembru 2008.

**8.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:**

**"Billi fl-estimi għas-sena finanzjarja 2008/09 ġiet ivvutata somma bil-għan li tinxtara u tiġi installata sistema ta' ventilazzjoni għas-Sala tal-Komunità fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa;**

**Billi saret sejħa għall-offerti, skond l-Att tal-Kunsilli Lokali ta` l-1993 u l-Avviżi Legali 91 u 92 ta` l-1993, sabiex jinstab kuntrattur li lest jipprovdi t-tagħmir meħtieġ u l-installazzjoni tiegħu; u**

**Billi l-offerta li saret ġiet evalwata mit-*Tender Adjudcation Board* bil-pariri ta' l-inġiniera Galea Curmi Consultants Ltd, li għamlu r-rakkomandazzjoni skond ir-rapport tagħhom ta' l-20 ta' Mejju 2008;**

**Il-Kunsill jirriżolvi illi għandha tinħareġ ittra ta' aċċettazzjoni u jiġi ffirmat il-kuntratt relattiv mad-ditta B.S.S. Ltd, li offriet dak kollu mitlub fid-dokument ta' l-offerta b'nefqa ta' €11,800 bit-taxxa nkluża, skond is-sottomissjonijiet li saru mill-istess ditta.". (S/3/7/Vol III)**

8.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-kunsillieri preżenti wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Azzopardi.

**9.1. Assenjar ta' ħaddiem mill-I.P.S.L. (H/4)**

9.2. Is-Sindku għarraf illi ġie assenjat ħaddiem mill-Industrial Projects and Services Ltd – is-Sur Simon Camilleri (I.D 392372(M) – b'effett mill-15 ta' Lulju 2008. Huwa ġie assenjat għal perjodu ta' tliet xhur. B'hekk in-numru ta' ħaddiema li qed jaħdmu b'dan il-mod żdiet għal tlieta – wieħed qiegħed fuq xogħol klerikali mas-Segretarjat, filwaqt li t-tnejn l-oħra qed jagħmlu x-xogħol ta' manutenzjoni fil-ġonna pubbliċi ecc.

9.3. Il-Kunsill innota u approva l-iżviluppi li kien hemm.

**10.1. Servizz mill-Gwardjani Lokali fis-Sibtijiet (W/3/Vol X)**

10.2. Is-Sur R. Cutajar qal li wara l-introduzzjoni tas-servizz tal-Gwardjani Lokali fil-ħdud, ġie ntrodott servizz ieħor fis-Sibtijiet bejn it-8.00 ta' filgħaxija u nofs il-lejl bil-għan li jkun hemm aktar superviżjoni fil-ġonna pubbliċi u *playing fields,* fejn riċentement kienu qed jisfgħu fil-mira tal-vandali.

10.3. Is-Segretarju ippropona li Ġnien iż-Żerniq fil-Manikata għandu jidħol fir-ronda tal-Gwardjani Lokali.

10.4. Il-Kunsillier J. Azzopardi ġibed l-attenzjoni li l-abbużi marbuta ma' l-użu ta' l-i*skips* għandhom jkunu nklużi wkoll.

**11.1. Tħejjiet għall-Festa tal-Vitorja (F/2/Vol V)**

11.2. Kunsill ġie mgħarraf li fis-6 ta' Awissu 2008 ser issir laqgħa ma' l-laqgħdiet li huma b'xi mod involuti fl-organizzazzjoni tal-Festa tal-Vitorja, bil-għan li jkunu jistgħu jsiru proposti lill-awtoritajiet tal-Pulizija tad-Distrett dwar l-ordni pubbliku fil-jiem tal-festa.

11.3. Is-Segretarju aċċenna għall-fatt li d-data ta' din il-laqgħa kellha titbiddel tliet darbiet bil-għan li l-partijiet kollha jkunu jistgħu jattendu. Huwa rrefera wkoll għal ittra mibgħua miċ-Ċentru Laburista Mellieħa, datata 28 ta' Lulju 2008, fejn ġie spjegat li kemm fl-4, kif ukoll fil-5 ta' Awissu, l-ebda membru tal-kumitat ma seta jattendeni, peress li ser titlaqqa' l-Konferenza Ġenerali Straordinarja tal-Partit Laburista. Kien għalhekk li l-laqgħa ġiet trasferita għas-6 ta' Awissu.

11.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**12.1. Xogħlijiet fi Triq il-Qammieħ (T/4/2/Vol XXIV)**

12.2. Is-Sindku għarraf li attwalment għaddej xogħol fuq trinka fi Triq il-Qammieħ li temporanjament ser timblokka l-aċċess għall-bdiewa, raħħal u residenza li hemm fl-istess inħawi. Il-*Contracts Manager* intalab jagħmel rapport dwar is-suġġett, fejn irriżulta li hemm il-permessi tal-MEPA u ta' l-Awtorità tat-Trasport.

12.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jitfassal pjan mill-kuntrattur dwar kif se jsir ix-xogħol bl-inqas inkonvenjent possibbli, liema pjan jiġi approvat mill-Kunsill.

**13.1. Pjan Lokali għat-Turiżmu fil-Mellieħa (T/12/Vol II)**

13.2. Is-Sindku għarraf li s-Sur Julian Zarb wasal biex jikkonkludi d-dokument dwar il-Pjan Lokali għat-Turiżmu fil-Mellieħa. Huwa qal li dan is-suġġett ser ikun fuq l-aġenda tas-seduta li jmiss u għalhekk stieden lill-kunsillieri kollha sabiex sas-seduta li jmiss iressqu punti relevanti li huma jixtiequ jagħmlu.

13.3. Il-Kunsill innota l-appell li sar.

**14.1. Servizz dwar il-Ġbir ta' l-Iskart (K/6/2/Vol IV)**

14.2. Is-Sur Robert Cutajar għarraf lill-Kunsill li qed ikun hemm diversi lmenti dwar il-ġbir ta' l-iskart domestiku. Għaldaqstant saret laqgħa li flimkien miegħu attendew għaliha s-Segretarju C. Debono, il-*Contracts Manager* il-Perit J. Attard mas-Sur Joseph Vella tan-Northern Cleaning Cooperative, dwar l-andament tax-xogħol. Mid-diskussjoni li kien hemm, jidher li mhux qed jinstabu ħaddiema Maltin biex jagħmlu dan ix-xogħol u għalhekk qed jiġu impjegati imigranti irregolari b'mod temporanju.

14.3. Is-Sindku kompla jgħid illi s-Sur Chris Ciantar – is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali – ser isejjaħ laqgħa mal-General Retailers and Traders Union dwar din il-problema.

**15.1. Inawgurazzjoni tal-proġett f'Wesgħat l-Emigrant (P/4/11)**

15.2. Is-Sindku ppropona li l-post fejn sar it-tisbiħ bejn Triq l-Għoljiet u Triq il-Kbira jibda jissejjaħ Wesgħat l-Emigrant. Ġie issuġġerit ukoll li l-inawgurazzjoni tiegħu ssir nhar l-Erbgħa, 27 ta' Awissu 2008, bil-parteċipazzjoni tat-tliet għaqdiet mużikali.

15.3. Il-Kunsillier Joseph Azzopardi ippropona li fil-ftuh ta' Wesgħat l-Emigrant ikun hemm bibità għall-mistednin.

15.4. Il-Kunsill approva li ssir l-attivita` fid-data proposta. Is-Sindku wiegħed li se jara x'jista' jsir dwar il-bibità wara ċ-ċerimonja tal-ftuħ.

## 16.1. Inċentivi lill-awturi mil-lokalità (P/4/3)

16.2. Is-Sindku ippropona li għandhom jinstabu mezzi kif jistgħu jiġu nċentivati awturi, studjużi jew artisti li għandhom materjal lest għall-pubblikazzjoni, iżda li għal xi raġuni jew oħra jibqgħu lura milli jippubblikawħ. Is-Sur Cutajar qal li huwa jaf li jeżistu persuni li kitbu dwar l-istorja tal-Mellieħa fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann, l-Ingliżi, dwar l-Industrija tat-Tonn, l-istorja tas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa u aspetti oħra tal-lokalità. Huwa jemmen li jista' jeżisti materjal biżżejjed biex anke tinħoloq sensiela ta' kotba dwar il-lokalità.

18.2. Il-Kunsill qabel ma' l-ideja fil-prinċipju u kien tal-fehma li din għandha tkompli tiġi żviluppata.

## 19.1. Tisbieħ tat-turġien fi Triq il-Mitħna l-Qadima (P/4/17)

19.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għax-xogħol ta' tisbiħ, li sar aktar kmieni fis-sena, fi Triq il-Mitħna l-Qadima, bejn Triq Santa Marija u Triq il-Kbira. Huwa qal li bħala parti minn dan il-proġett kellu jkun hemm puġġaman tal-ħadid matul iż-żewġ turġien.

19.3. Il-Kunsill iddeċieda li l-*Contracts Manager* għandu jintalab ifassal dokument ta' l-offerta sabiex dan il-proġett jiġi konkluż għal kollox.

## 20.1. Korsijiet tal-kompjuter (E/3/1/9/Vol II)

20.2. Is-Sindku rrefera għall-kuntatti li kien hemm ma' The Computer Training Centre Ltd u qal li għamilha ċara ma' l-istess ditta li l-Kunsill jeħtieġ li jkun parti essenzjali fl-organizzazzjoni tal-korsijiet, minkejja li l-ħlas għalihom qed isir direttament lilhom. Għaldaqstant intalbet lista ta' l-istudenti skond kif ġew imqassma fil-korsijiet rispettivi.

20.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 21.1. Attivitajiet Sportivi fir-Ramla tal-Mixquqa

21.2. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għall-*Coca-Cola Zero Beach Soccer Tournament* li qed isseħħ fir-Ramla tal-Mixquqa. Huwa qal li saru kuntatti ma' l-organizzaturi sabiex timijiet mill-Mellieħa jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-faċilitajiet ipprovduti mingħajr ħlas. Is-Sur Fenech kompla jgħid illi fid-29 ta' Lulju 2008 kien hemm sitt timijiet li ikkompetew bejniethom. Dan sar mingħajr ħlas wara kuntatti li saru bejn il-Kunsill u l-organizzaturi. B'kollox kien hemm 45 plajer. Erbgħa mit-timijiet li ikkompetew kienu mill-Mellieħa.

21.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 22.1. Żamma taċ-ċimiterji (C/7)

22.2. Is-Segretarju lmenta li minn żmien għal żmien ikun hemm ħtieġa li ssir manutenzjoni u tindif taċ-ċimiterji. Meta jsir kuntatt mat-taqsima konċernata fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata fi ħdan id-Diviżjoni tas-Saħħa Pubblika, dawn jonqsu milli jaġixxu minħabba li m´għandhomx riżorsi biżżejjed u minflok jappellaw lill-Kunsill sabiex jirrendi dan is-servizz.

22.3. Is-Sindku ippropona li dan in-nuqqas għandu jinġieb għall-attenzjoni ta' l-Ispettur Sanitarju Ewlieni.

## 23.1. Sewqan perikoluż fi Triq il-Kbira u madwar Misraħ tas-Salib (T/3/2/Vol VIII) (W/3/2)

23.2. Il-Kunsillier C. Bartolo ġibed l-attenzjoni li qed jiġi osservat sewqan perikoluż fi Triq il-Kbira, partikularment tard filgħaxija u bil-lejl. Huwa qal ukoll li l-istess qed jiġri f'Misraħ tas-Salib fejn jiltaqgħu Triq ir-Rattan, Triq Salvu Camilleri u Triq Tas-Salib.

23.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-problema fi Triq il-Kbira qed tinħoloq minn numru żgħir ta' sewwieqa, filwaqt li tista' tiġi eliminata permezz ta' l-i*speed cameras.* Rigward it-toroq madwar Misraħ tas-Salib, kien hemm qbil li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet mat-Taqsima ta' l-Immaniġġjar tat-Traffiku bil-għan li jsiru *speed humps* fiż-żewġ daħliet għall-istess misraħ.

**24.1. Kunċert operistiku fil-Bitħa tas-Santwarju (A/5/5/Vol IV)**

24.2. Is-Sindku fakkar li qed isiru t-tħejjijiet sabiex nhar il-Ħamis 28 ta' Awissu 2008 jittellgħa kunċert operistiku fil-Bitħa tas-Santwarju mis-Sopran Andreana Jordanova u t-Tenur Joseph Aquilina, sabiex ifakkar il-150 anniversarju mit-twelid tal-kompożitur Taljan Giacomo Puċċini. L-akkumpanjament mużikali ser ikun mill-pjanist Mellieħi Clifford Borg.

24.3. Il-Kunsillier J. Azzopardi ssuġġerixxa li għandhom jiġu mistiedna l-persuni li ġew onorati mill-Kunsill, flimkien mal-membri tas-Sotto-Kumitati.

24.4. Il-Kunsill approva li ssir l-attivita` kif proposta fid-data msemmija.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fil-11.30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 18 ta' Awissu 2008 fis-7.30pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**